

[isem id-debitur tariffarju]

[l-indirizz tad-debitur tariffarju]

Frankfurt am Main,  
[DD Xahar YYYY]

Telefown (tim ta' appoġġ): +49 69 1344 4690  
Imejl: SSM-fee-enquiries@ecb.europa.eu  
Referenza tal-ħlas: **[numru tar-referenza]**

## Avviż ta' tariffa

Il-BĊE iddeċieda li t-tariffa superviżorja annwali tiegħek hija kif ġej:

<b>1) Komponent tat-tariffa minima [SI]/[LSI]</b>	<b>EUR</b>	[ ]
<b>2) Komponent tat-tariffa varjabbli [SI]/[LSI]</b>	<b>EUR</b>	[ ]
<hr/>		
<b>Tariffa superviżorja annwali</b>	<b>EUR</b>	[ ]

Skont l-Artikolu 30(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013, il-BĊE jimponi tariffa superviżorja annwali fuq istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti u friegħi stabbiliti fi Stat Membru parteċipanti minn istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fi Stat Membru mhux parteċipanti.

Dan l-avviż ta' tariffa jispeċifika t-tariffa superviżorja annwali pagabbli mill-istituzzjoni tiegħek kif iddeterminat skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/41) għall-perjodu tat-tariffa [SSSS]

It-tariffa superviżorja annwali ġiet ikkalkulata skont il-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014 (BĊE / 2014/41) u, b'mod partikolari, wara li ġew ikkunsidrati l-elementi li ġejjin:

- Il-klassifikazzjoni tal-istituzzjoni tiegħek bħala [inqas] sinifikanti għall-perjodu minn [JJ XX SSSS] sa [JJ XX SSSS].
- L-ammont totali tat-tariffi superviżorja annwali, kif stabbilit fid-Deċiżjoni (UE) 2018/667 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2018/12) u ppubblikat fuq il-websajt tas-Superviżjoni Bankarja tal-BĊE.
- Assi totali ta' EUR [ ] u skopertura totali ta' riskju ta' EUR [ ], kif iddeterminat skont id-Deċiżjoni (UE) 2015/530 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2015/7).

**Termini għall-ħlas**

It-tariffa superviżorja annwali tiġiħallas fi żmien 35 jum mid-data tal-ħruġ tal-avviż tat-tariffa mingħajr imposti għall-BĊE. Jekk l-istituzzjoni tiegħek tkun ipprovdiet lill-BĊE b'mandat ta' debitu dirett iffirmit qabel ma jinħareġ dan l-avviż ta' tariffa, it-tariffa ta' superviżjoni annwali tiġi ddebitata direttament mill-kont tiegħek fi żmien 35 jum mid-data tal-ħruġ tal-avviż tat-tariffa.

Inkella, jekk jogħġbok ħallas permezz ta' trasferiment bankarju jew permezz ta' TARGET2, billi tikkwota ir-referenza ta' ħlas tiegħek.

ħlas bi trasferiment bankarju	ħlas bit-TARGET2
ħlas lil: MARKDEFF (bank korrispondenti)	ħlas lil: ECBFDEFFSSM (riċevitur fl-intestatura tal-messaġġ ta' trasferiment SWIFT)
IBAN: DE67 5040 0000 0050 4024 06	
Benefiċjarju: European Central Bank SSM	Benefiċjarju: ECBFDEFFSSM

**Notifika**

Dan l-avviż ta' tariffa qiegħed jiġi nnotifikat lilek skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) Nru 1163/2014 (ECB/2014/41).

**Rieżami**

Skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, talba għal reviżjoni amministrattiva interna ta' dan l-avviż ta' tariffa tista' tiġi ppreżentata lill-Bord Amministrattiv ta' Rieżami tal-BĊE fi żmien xahar mid-data tan-notifika ta' dan l-avviż ta' tariffa. Din it-talba għandha tintbagħat preferibbilment b'imejl lil: [ABOR@ecb.europa.eu](mailto:ABOR@ecb.europa.eu); jew bil-posta lil: The Secretary of the Administrative Board of Review, European Central Bank, Sonnemannstrasse 22, 60314 Frankfurt am Main, Germany. Aktar tagħrif dwar il-proċedura ta' rieżami jinsab fid-Deċiżjoni BĊE/2014/16 tal-Bank Ċentrali Ewropew. Skont l-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni BĊE/2014/16, talba għal rieżami m'għandhiex effett sospensiv awtomatiku. It-talba għal reviżjoni hija mingħajr preġudizzju għad-dritt li jitressqu proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 263 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

**Dan huwa dokument iġġenerat bil-kompjuter li huwa validu mingħajr firma**

*Jekk jogħġbok ara <https://www.bankingsupervision.europa.eu/organisation/fees/html/index.mt.html> għad-dettalji dwar il-metodoloġija tal-BĊE għat-tariffi superviżorji, il-qafas legali u informazzjoni dettaljata dwar l-ispejjeż annwali għall-kompiti superviżorji tal-BĊE. Dawn il-paġni huma ppubblikati fil-lingwi kollha tal-UE u jipprovdu informazzjoni importanti u Prattika dwar it-tariffi superviżorji tal-BĊE, inklużi dettalji dwar kif tiġi stmata t-tariffa għall-istituzzjoni tiegħek(jekk jogħġbok ara <https://www.bankingsupervision.europa.eu/organisation/fees/calculator/html/index.en.html>)*